IL-FGURA

Minuti tal-laqgħa 34 tas-seba' Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum il-Ħamis 3 ta' Settembru, 2015, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:34.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Dr. Byron Camilleri |
| **Kunsilliera:** | Is-Sur C. Bonello<br>Is-Sur R. Deguara<br>Is-Sur R Ellul<br>Is-Sur M. Lombardo<br>Is-Sur R. Zammit |
| **Ambaxxatur Vot 16:** | Is-Sur R. Attard |
| **Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Il-Viċi Sindku s-Sur P Dalli u l-Kunsillier is-Sur S Camilleri talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa minħabba raġuni ta' safar. Tali talba saret matul il-konverżazzjoni telefonika magħmula bil-għan li tinforma lill-Kunsilliera bil-laqgħa. It-talba taż-żewġ Kunsillieri intlaqgħet minn dawk preżenti.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Applikazzjoni mal-MEPA

1.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4124/15/7 "Sabiex il-Kunsill Lokali tal-Fgura jopponi għall-applikazzjoni mal-Mepa bir-referenza PA/03131/15. PA/03131/15 To sanction change of use from showroom to Class 3C premises at first floor only. Peter Ray Portelli, 152, Triq San Tumas c/w, Triq Hompesch, Fgura, Malta. CLASS 3C - Assembly and Leisure Use for any of the following: a) cinema; b) concert hall or theatre; c) swimming bath or pool, skating rink, gymnasium, health club, sauna, sports hall, or other indoor or outdoor landbased sports or recreations not involving motorised vehicles or firearms. Il-Kunsill huwa tal-opinjoni illi: 1. Illi tali post qed jintuża preżentament għal tagħlim taż-żfin, inkluż żfin mal-mużika Hip Hop, illegalment. Illi tali attivita qed toħloq diversi inkonvenjenti fuq ir-residenti tal-inħawi inkluż mużika għolja, u storbju ieħor f'diversi ħinijiet tal-ġurnata. Illi anke

tpoġġew posters li juru li hemmek jintuża għal tagħlim taż-żfin, minkejja li m'hemm l-ebda permess mill-MEPA biex isir dan. 2. Illi l-attivita proposta ser toħloq diversi noise pollution fl-akwata. 3. Illi f'din iż-żona hemm problema kbira ta' parkeġġ, u attivitajiet li jaqgħu taħt Class 3C, żgur li ser ikomplu jigravaw is-sitwazzjoni. 4. Illi l-applikant mhux qed joffri parkeġġ għall-klijienti tiegħu u għaldaqstant, kull klijient jeħtieġ isib parkeġġ fl-inħawi.". Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4124/15/7 ġiet approvata unanimament.

Il-laqgħa ntemmet fis-18:40.

Sindku

Segretarju